MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 274/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Abdilla)
Vs
Stephen Catania

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Novembru tas-sena 2006, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, waqt li kien qieghed gewwa Triq il-Battalja ta' Malta, Pembroke, Malta :
1. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;
2. hedded bi kliem lil Yvonne Borg li hija detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 771354 (M) u lil Joseph Borg li huwa detentur ta' l-karta ta' l-identita' bin-numru 374748 (M);

3. hebb ghal Yvonne Borg u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa u dan skond kif iccertifika t-tabib Dr. Victor Buhagiar MD mill-Gzira Health Centre;
4. kellu fil-pussess tieghu arma irregolari (injama);
5. hedded lil Joseph Borg b’oggett iebes jew bi hwejjeg ohrajn iebsin (injama), jew waddabhom jew qabad armi ohra kontrih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(e), 221(3)(b), 339(1)(b) u 17(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant mhux hati tar-raba’ imputazzjoni w minnha lliberatu, izda sabitu hati ta’ l-erba’ imputazzjonijiet l-ohra w kkundannatu ghal detenzjoni ghal perjodu ta’ hmistax (15)-il gurnata ghal kull wahda mill-erba’ imputazzjonijiet li taghhom instab hati.
Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, obbligat lill-appellant ma jimmolestax lill-konjugi Borg ghal perjodu ta’ sena taht penali ta’ mitt lira Maltin (LM100). Ordnat ukoll lid-direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li, stante li rrizulta li l-appellant hu tossikodipendenti, biex jaffettwa l-ezamijiet medici w psikologici necessarji biex, jekk l-appellant jikkonsenti, jigi mmexxi fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena w minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-piena kienet wahda eccessiva w, fil-waqt li lahqet l-aspett retributtiv, ma tatx importanza misthoqqa ghall-aspett riformattiv. L-appellant ghandu kondotta nadifa, jikkwalifika bhala *first time offender* ,

jahdem u ghad ghandu 23 sena. Li kollox gara fl-isfond ta' battiibekk familjari.

Rat ir-rikors tal-appellant biex tigi prodotta bhala xhud Judith Catania, oht l-appellant li ma xehditx fil-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti;

Rat id-Digriet Taghha tas-27 ta' Settembru, 2007, li, bih in vista tal-oppozizzjoni tal-Avukat Generali, cahdet it-talba ghal-produzzjoni ta' din ix-xhud peress li deher li din ma gietx prodotta minhabba nuqqas ta' *briefing* tajjeb mill-appellant lill-Avukat tieghu w mhux ghax kienet tirrikorri xi wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 424 (a) u (b) tal-Kodici Kriminali.

Semghet mill-gdid ix-xiehda ta’ Yvonne u Joseph Borg;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena. Din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Mid-depozizzjoni ta' **Yvonne Borg** jirrizulta li l-appellant kien heddidha, qabadha minn ghonqha, sabbatha fuq darha w hi baqghet niezla r-rampa titkaxkar fejn hemm l-skip u intefghet mall-art fuq darha. Tarilha n-nuccali minn ghajnejha w bdiet tfittex in-nuccali w dak il-hin hassitha ha tmut. Kellu kanna tal-hadid f' idu. Hi bdiet tghid lill-oht l-appellant biex ma jkomplix jatiha . Umbaghad lahaq zewgha u l-appellant beda jxejjer kanna tal-hadid f' wicc zewgha u qallu : "*B'din intajjarlek rasek."* u beda' jheddidhom biex ma jmorrux l-ghassa. Hi tant bezghet li

ghamlet tahtha. Fil-fatt illum ma tiflahx hafna w sahhitha marret lura hafna w ghaddejja minn ezamijiet medici . Kien laqatha f' darha w gembha kollu b' idejh.

Mid-depozizzjoni ta' **Joseph Borg** irrizulta li hu kien god-dar u martu kienet barra w sema' lill-Yvonne Borg tghajjat : "*Joe. Joe. Joe."* Meta hu nizel u hareg sab lil martu bilqeghda fuq ic-cint u l-appellant kien gie b' kanna tal-hadid w beda' jxejjirha quddiem wiccu w jghidlu "*Intajjarlek rasek biha."* Hu iccassa ghax qatt ma kellu incident bhal dan f' ghomru kollu. Lill-appellant hu kien rah qabel biss xi tlitt darbiet u qatt ma ghamillu hsara lilu . Umbaghad l-appellant qallu : "*Issa mur l-ghassa ta!"* Hu nhasad ghax mhux zghir. L-appellant kien qed jgholli lehnu w kien irrabjat.

Illi jidher  minn din ix-xiehda li l-incident ma kienx wiehed traskurabbli w kommess minn zaghzugh mimli sahha fil-konfront ta' zewg persuni ta' mezz' eta' avvanzata w bhala rizultat tieghu Yvonne Borg sofriet il-feriti ta' natura hafifa li jidhru fic-certifikat mediku a fol. 13 tal-process.

Anki jekk l-appellant, kif jidher mis-sentenza appellata, huwa tossikudipendenti, dan ma jiskuza bl-ebda mod l-agir tieghu  fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni anzjani.

Dan it-tip ta’ agir li, fortunatament f’dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar serji,  ma jista’ jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li :-
***“l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat."*** (Ap. Krim. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Noel Mizzi** [15-12-2005] **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Victor Pace"** [25.1.2005] u ohrajn).

Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f’dawn il-kazijiet m’ghandix tinghata (u bil-ligi - art. 28A- lanqas tista' tinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza ghax hawn si tratta ta' detenzjoni) imma wahda effettiva w immedjata. Inqas u inqas ghandha tinghata xi piena pekunjarja, jew xi liberazzjoni kondizzjonata.

Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti ma tarax li hemm lok ghal temperament fil-piena w li ghandha b' xi mod tvarja w tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------